# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***Kump. 275/01***

***Pulizija***
***Spettur Paul Camilleri.***
***vs***
***Noel Grech***
***Daniel Scicluna***

Illum 02 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputati huma bazati fuq ir-reati ta' Serq Agravat , Ricettazzjoni, Hsara Volontarja, Sewqan fil-perjodu tas-sospensjoni u Sewqan minghajr Kopertura ta' Polza ta' Assigurazzjoni.

Illi l-imputati ammettew l-akkuzi dedotti kontra taghhom, u ghaldaqstant dawn jinstabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

***Fil-konfront ta' Daniel Scicluna***

In propozitu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-Fedina Penali nadifa u l-fatt li d-danni gew ikkompensati mill-imputat. Ghaldaqstant il-Qorti thoss li ghandha takkordalu l-liberta' kkondizzjonata.

***<u>Fil-konfront ta' Noel Grech</u>***

In propositu ghall-piena il-Qorti rat il-Fedina Penali ta' l-imputat. Illi stante li d-danni gew kompensati il-Qorti thoss li ghandha tapplika l-artiklu 21 fil-konfront tieghu u tikkundannah piena pekunjarja.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat **Daniel Scicluna** hati ta' l-akkuzi 1 u 5 ai termini ta' l-Artikoli 261(b.c.g), 263(a), 267, 271(g), u 328 tal-kapitolu 9 izda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmlix reat iehor fi zmien tnax- il-xahar skond l-Artiklu 9 Kap 152 liema artiklu gie spjegat lill-imputat.
Ma ssibux hati ta' l-akkuza 2 u tilliberah minnha.

Issib lill-imputat **Noel Grech** hati ta' l-Akkuzi 1, 3, 4, 5 u wara li rat l-artikoli 21, 261(b.c.g), 263(a), 267, 271(g) tal-kapitolu 9 u l-artiklu 22 kap 65, u artiklu 3 Kap 104, tikkundannah multa ta' Lm350 u pagabbli Lm30 fix-xahar bid-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu f'kaz li l-imputat jonqos minn pagament wiehed; In oltre tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzja ta' sewqan ghal zmien tnax-il-xahar mill-llum.

Ma ssibux hati ta' l-akkuza 2 u tilliberah minnha.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***